32001D0705(01)

C 189/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 5.7.2001

ID-DEĊIŻJONI TAS-SEGRETARJU ĠENERALI TAL-KUNSILL/RAPPREŻENTATTIV GĦOLI GĦALL-POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI

tal-25 ta'Ġunju 2001

dwar kodiċi ta' imġieba amministrattiva tajba għas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u ta' l-impjegati u r-relazzjonijiet professjonali tagħhom mal-pubbliku

(2001/C 189/01)

IS-SEGRETARJU-ĠENERALI TAL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regoli tal-Proċedura tal-Kunsill, partikolarment l-Artikolu 23 tiegħu,

Billi:

(1) Id-disposizzjonijiet tal-liġi tal-Komunità dwar l-aġir fl-apert u t-trasparenza għandhom ikunu rispettati għal kollox fix-xogħol ta' kull jum tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "is-Segretarjat Ġenerali").

(2) L-esperjenza turi li numru ta' talbiet miċ-ċittadini għal informazzjoni ġenerali huma barra mill-iskop tar-regoli li jirregolaw l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Kunsill kif stabbilit fir-Regolament (KE) Numru 1049/2001 [1] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta'Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għall-Parlament Ewropew, għall-Kunsill u għal dokumenti tal-Kummissjoni.

(3) L-impjegati għandhom jiġu ggwidati fir-relazzjonijiet professjonali tagħhom mal-pubbliku,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Kodiċi ta' imġieba amministrattiva tajba għas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u ta' l-impjegati u r-relazzjonijiet professjonali tagħhom mal-pubbliku huwa hawnhekk adottat. Dan il-kodiċi jinsab fl-Anness.

Artikolu 2

1. L-għan ta' din id-Deċizjoni u l-kodiċi fl-Anness huwa li jiffaċilita l-implementazzjoni ta'drittijiet u dmirijiet li jirreżultaw mit-trattati u atti adottati għall-applikazzjoni tagħhom, minghajr il-kreazzjoni ta' drittijiet addizzjonali.

2. Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tgħeleb kull disposizzjoni tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ir-Regolamenti ta' l-Impjegati ta' uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tax-Xogħol ta' l-impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej, Regolament (KE) Numru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew kull deċiżjoni oħra tal-Kunsill dwar l-aċċess tal-pubbliku għal dokumenti tal-Kunsill.

Artikolu 3

Il-miżuri neċessarji għandhom jittieħdu fis-Segretarjat Ġenerali biex jiġi assigurat li din id-Deċiżjoni u l-kodiċi fl-anness:

— jiġu ppubblikati fil-Ġurnal tal-Komunitajiet Ewropej, serje C, li jiġu rriklamati b'mod l-iktar wiesa' possibbli u li jkunu għad-disposizzjoni tal-pubbliku fuq l-Internet;

— ikuni rispettati mill-impjegati.

Artikolu 4

Il-kodiċi ta' imġieba amministrattiva tajba fl-Anness ta'din id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta sentejn wara d-data li tidħol fis-seħħ skond l-esperjenza miksuba mill-implementazzjoni tagħha.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-25 ta' Ġunju 2001.

Magħmula fi Brussell, fil-25 ta' Ġunju 2001.

Is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli

Javier SOLANA

[1] ĠU L 145, tal-31.5.2001, p. 43.

L-ANNESS

Kodiċi ta' imġieba amministrattiva tajba għas-segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u ta' l-impjegati u r-relazzjonijiet professjonali tagħhom mal-pubbliku

Artikolu 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Fir-relazzjonijiet professjonali mal-pubbliku, il-membri tal-persunal jiġifieri, uffiċjali u impjegati oħra tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill koperti mir-Regolamenti ta' l-Impjegati ta'uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (hawnhekk iżjed 'il quddiem msejħa "Regolamenti ta' l-Impjegati"), għandhom josservaw id-disposizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kodiċi ta' imġieba amministrattiva tajba (hawnhekk iżjed 'il quddiem msejħa "il-Kodiċi"). Il-persuni impjegati taħt kuntratti privati, esperti ssekondati minn servizzi nazzjonali u persuni taħt taħriġ, eċċ. li jaħdmu għas-Segretarjat tal-Kunsill għandhom jiġu ggwidati minn dan il-Kodiċi.

2. Ir-relazzjonijiet bejn is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u l-impjegati tiegħu għandhom ikunu regolati esklussivament mir-Regolamenti ta' l-Impjegati.

Artikolu 2

Skop ta' l-applikazzjoni

Dan il-Kodiċi jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali ta' imġieba amministrattiva tajba applikabbli għall-impjegati u r-relazzjonijiet professjonali mal-pubbliku, ħlief meta dawn huma rregolati b'disposizzjonijiet speċifiċi, bħal m'huma r-regoli li jikkonċernaw l-aċċess għal dokumenti u proċeduri pubbliċi għall-appalt.

Artikolu 3

L-ebda diskriminazzjoni

Meta jsiru talbiet u mistoqsijiet, l-impjegati għandhom jassiguraw l-osservanza tal-prinċipju ta' trattament ugwali. persuni li jinstabu fl-istess sitwazzjoni għandhom jiġu trattati bl-istess mod, kemm-il darba trattament speċifiku huwa ġġustifikat skond karatteristiċi oġġettivi ta'dik is-sitwazzjoni.

Artikolu 4

Ġustizzja, lealtà u newtralità

1. L-impjegati għandhom jaġixxu b'mod imparzjali u raġunevoli.

2. Fir-relazzjonijiet professjonali tagħhom mal-pubbliku u skond l-obbligazzjonijiet tagħhom (partikolarment skon l-Artikolu 11 tar-Regolamenti ta' l-Impjegati), l-impjegati għandhom, f'kull aspett, jaġixxu skond l-interessi ta' l-Unjoni Ewropea u tal-Kunsill u m'għandhomx jippermettu li jiġu influenzati minn konsiderazzjonijiet personali jew ċittadini jeww minn pressjoni politika jew obbligazzjonijiet legali.

Artikolu 5

Korteżija

L-impjegati għandhom jaġixxu b'mod kunxjenzjuż, korrett, bil-kortezija u b'mod mhux merfugħ. Fil-korrispondenza tagħhom jew meta jirrispundu t-telefon jew f'kull xorta ta'kuntatt professjonali mal-pubbliku, għandhom ikunu kemm jista' jkun ta' għajnuna.

Artikolu 6

Kif tiġi pprovduta l-informazzjoni

1. L-impjegati għandhom jipprovdu l-informazzjoni mitluba, li taqa' fil-qasam ta' responsabbiltà tagħhom. Għandhom jassiguraw, kemm jista' jkun, li l-informazzjoni hija ċara u li tinftiehem.

2. Jekk, għal xi raġuni ta' kunfidenzalità u/jew skond ir-regoli (partikolarment l-Artikolu 17 tar-Regolamenti ta' l-Impjegati), impjegat jħoss illi ma jistax jilqa' talba għal xi informazzjoni, ir-raġunijiet il-għala ma tistax tintlaqa' it-talba għandhom jiġu pprovduti lill-persuna kkonċernata.

3. Meta jiġi mitlub aċċess għal dokument tal-Kunsill, id-disposizzjonijiet speċifiċi dwar l-aċċess tal-pubbliku għandhom japplikaw.

Artikolu 7

It-tweġiba għall-ittri fil-lingwa uzata mill-pubbliku

Skond l-Artikolu 21 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jwieġeb l-ittri bl-istess lingwa ta' l-ittra oriġinali, sa kemm l-ittra oriġinali nkitbet b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Komunità.

Artikolu 8

Kuntatt bit-telefon

1. Meta jitwieġbu sejħiet telefoniċi, l-impjegati għandhom jiddentifikaw ruħhom u s-servizz li jipprovdu. Għandhom ukoll jistabbilixxu l-identità tal-persuna li qed iċċempel. Kemm-il darba l-informazzjoni ma tkunx konfidenzali, skond l-Artikolu 6(2), l-impjegati għandhom jipprovdu l-informazzjoni mitluba jew għandhom jindikaw, lill-persuna li ċċempel, fejn għandha ssaqsi. Madankollu, f'każijiet fejn m'huwiex ċar jekk l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta, l-impjegati għandhom jikkonsultaw lil ta'fuqhom jew jirreferu s-sejħiet telefoniċi lis-superjuri tagħhom.

2. Jekk it-talba għall-informazzjoni hija komplessa jew mhux ċara, l-impjegat jista' jitlob li t-talba tkun bil-miktub.

Artikolu 9

Risposti bil-miktub u terminu perentorju

1. L-impjegati għandhom, bla dewmien, normalment sa 15-il jum utli wara li jirċievu t-talba, jirrispondu għat-talba għall-informazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali

2. Meta risposta ma tistax tiġi pprovduta fil-ħin skond paragrafu 1, l-impjegat ikkonċernat għandu jinforma l-persuna li saqsiet għall-informazzjoni minnufih. F'dan il-każ, il-persuna li saqsiet għall-informazzjoni għandha tingħata risposta mill-iktar fis possibbli.

3. Is-servizz u l-isem ta' l-impjegat inkarigat mill-każ għandu jiġi indikat fir-risposta.

4. L-ebda risposta m'għandha tiġi pprovduta fejn:

— ammont eċċessiv ta'ittri jew talbiet identiċi ġew irċevuti;

— risposta għall-istess talba mill-istess persuna tkun diġà ingħatat;

— in-natura tat-talba mhijiex xierqa.

5. Jekk talba bil-miktub mhix taħt ir-responsabbiltà ta' l-impjegat riċevitur, it-talba għandha tintbagħat lis-Servizz kompetenti tas-Segretarjat Ġenerali mingħajr dewmien biex tiġi kkunsidrata minn dak is-servizz.

6. Jekk it-talba mhiex ċara jew hija komplessa, l-impjegat jista' jitlob li t-talba tiġi kkjarifikata.

7. Jekk impjegat jaħseb li t-talba għall-informazzjoni kellha tiġi indirizzata lill-instituzzjoni oħra, korp ieħor, organizzazzjoni oħra jew xi amministrazzjoni nazzjonali, il-membru tal-pubbliku għandu jiġi nnotifikat b'dan, u t-talba għandha tiġi immedjatament mogħtija lill-istituzzjoni, il-korp jew l-amministrazzjoni konċernati.

Artikolu 10

Talbiet mill-Istampa

Is-Servizz ta' l-Istampa huwa responsabbli għall-kuntatti mal-medja. Madankollu, meta talbiet mill-medja dwar suġġetti tekniċi huma fir-responsabbiltà ta' l-impjegati, dawn jistgħu jirrispondu għal dawn it-talbiet.

Artikolu 11

Protezzjoni tad-Data

1. Impjegati li għandhom, fil-possess tagħhom, data personali ta' individwi għandhom josservaw id-disposizzjonijiet skond ir-Regolament (KE) Numru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta'Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta'individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-instituzzjonijiet u korpijiet tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' din id-data [1].

2. Skond dak ir-Regolament, impjegati m'għandhomx jipproċessaw data personali għal raġunijiet mhux leġittimi jew għat-trasmissjoni lil terzi persuni mhux awtorizzati.

[1] ĠU L 8, tat-12.1.2001, p. 1.